# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju, 2016

**Talba Nru: 602/2015/VG**

**Elmo Insurance Limited [C-3500]**

**vs**

1. **John SPITERI**
2. **Duncan FENECH u skont risposta tal-konvenut datata 11 ta' Awwissu, 2015 ghandu jigi kjamat fil-kawza Gordon CAMILLERI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-23 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimati ihallsuha s-somma ta' elfejn tmien mija hamsa u sittin euro u tmienja u tletin centezmi ta' euro [€2,865.38c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Is-socjeta esponenti Elmo Insurance Limited sborsat a favur tar-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet "Atlas Insurance PCC Limited et vs Duncan Fenech" (M2963/2011) is-somma ta' elfejn tmien mija hamsa u sittin ewro tmienja u tletin centezmu (€2,865.38c) in linea ta' danni, imghax, spejjes u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta

fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBV596.

2. Gara li fis-16 ta' April 2011 fi Triq tal-Labour, in-Naxxar, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBV596, proprjeta tal-intimat John Spiteri, misjuqa mill-intimat Duncan Fenech u assikurata mis-socjeta esponenti, sfat involuta f'incident awtomobilistiku fejn habtet mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni XER079, misjuqa minn terzi.

3. Fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident, is-socjeta esponenti invokat il-"contract of sale clause" inserita fil-polza ta' assikurazzjoni li l-istess esponenti kienet harget fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBV596 u dan peress li qabel l-imsemmi incident kien hemm "transfer of interest" tal-istess vettura mill-intimat John Spiteri a favur terzi bla ma' l-esponenti kienet taf b'dan u allura bla ma sar l-appositu "endorsement" tal-polza. Per konsegwenza, l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBV596 ma kellhiex kopertura assikurativa fil-gurnata tal-imsemmi incident.

4. Ghaldaqstant u in vista tal-premess, l-intimati kienu prekluzi milli jinvokaw l-istess polza sabiex ikopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi incident.

5. Permezz ta' ittra ufficjali taghha tad-29 ta' Dicembru, 2011, is-socjeta esponenti "inter alia" wissiet lill-intimati bil-konsegwenzi kollha li kienu se jgarrbu minhabba l-inadempjenza kontrattwali taghhom, fil-kaz li l-arbitragg istitwit kontra l-intimat Duncan Fenech jigi deciz kontra tieghu una volta kienu sodisfatti fil-konfront tal-istess socjeta esponenti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Min-naha taghha, is-socjeta esponenti ma setghetx ma thallasx lit-terz u dan peress illi kienu sodisfatti l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt ghamlet.

7. Sussegwentement ghal tali hlas, is-socjeta esponenti ppresentat ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-intimati, liema talba kienet kontestata.

8. Ghaldaqstant, kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru, 2011, l-ispejjes tal-ittra ufficjali skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-21 ta' Awwissu 2014 u bl-imghax legali b'effett mill-21 ta' Awwissu 2014 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati solidament bejniethom, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

**Ra r-risposta tal-intimat John Spiteri minnu pprezentata fil-11 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi l-esponenti jichad bl-aktar mod kategoriku li huwa debitur tas-socjeta assiguratrici minhabba r-ragunijiet li gejjin:

1. Illi l-esponenti kien biegh il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBV 596 lill-Gordon Camilleri, residenti f'Icona, Triq il-Qattus, Birkirkara;

2. Illi fil-fatt wara li kien sar il-bejgh huwa kien ikkonsenja il-vettura fil-garage ta' Gordon Camilleri bi ftiehiem li l-ghada kellha issir polza ta' assigurazzjoni u jsir it-trasferiment tal-vettura mal-awtorita tat-trasport sabiex il-vettura tkun tista tinstaq fil-pubbliku;

3. Illi meta tinbiegh vettura, il-ligi taghti sebgha t'ijiem zmien sabiex jigi konkluzz ta' l-process;

4. Illi madanakollu jidher li Gordon Camilleri ppermetta li din il-vettura tinstaq minn Duncan Fenech u waqt li Duncan Fenech kien qieghed isuq din l-vettura huwa kien involut f'incident;

5. Illi l-esponenti qatt ma ta' permess lill-Gordon Camilleri u wisq aktar lill-Duncan Fenech sabiex issuq l-vettura li huwa kien biegh

lill-Gordon Camilleri qabel din tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni;

6. Illi l-esponenti fil-fatt qatt ma kienx jaf lill-Duncan Fenech u kien Gordon Camilleri li ippermetta lill-Duncan Fenech isuq il-vettura meta huwa kien jaf li din ma kienitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni;

7. Illi minghajr pregudizzju ghal dan illi l-esponenti qatt ma kien gie notifikat bl-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 2011 u ghalhekk ma ghandux ibaghati l-ispejjes;

8. Ghaldaqstant filwaqt li l-esponenti jichad l-pretenzjonijiet kollha tar-rikorrenti jitlob li ghandu jigi kjamat fil-kawza Gordon Camilleri ta' Icona, Triq il-Qattus, B'kara";

**Ra r-risposta tal-intimat Duncan Fenech minnu pprezentata fid-29 ta' Ottubru, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju, u fl-opinjoni tieghu huwa Gordon Camilleri li ghandu jwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti.

2. Illi l-esponent m'hu bl-ebda mod debitur tas-socjeta rikorrenti.

3. Illi huwa minnu li l-esponent kien qed isuq il-vettura in kwistjoni u kien involut f'incident, madanakollu, l-esponent kien moghti din il-vettura minn terz, certu Gordon Camilleri, sabiex juzaha bhala replacement vehicle waqt li l-istess Camilleri kien qed iwettaq xi xogholijiet fuq il-vettura tal-esponent.

4. Illi meta giet moghtija din il-vettura bhala replacement vehicle, kien isegwi li din il-vettura setghet tinstaq minn terzi fit-triq u li kienet koperta mill-assigurazzjoni ghal dan il-ghan.

5. Illi jekk il-vettura in kwistjoni kienet giet trasferita precedentement, u f'dan ma kinitx giet segwita l-procedura

mehtiega, dan in-nuqqas bl-ebda mod ma seta' jigi attribwit lill-esponent.

6. Illi minghajr pregudizzju l-esponent qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 2011 u m'ghandux ibaghati l-ispejjez tal-istess.

7. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez".

**Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Gordon Camilleri minnu pprezentata fl-24 ta' Novembru, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi l-esponenti jichad b'mod l-aktar kategoriku li huwa debitur tas-socjeta assigurattrici ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-esponenti ghamel tpartit ta' vetturi ma' l-intimat John Spiteri fejn dan ta' l-ahhar kellu jaghmel assigurazzjoni fuq il-vettura mehuda minghand l-esponent u dan sabiex sussegwentement l-esponent ikun jista jaghmel assigurazzjoni fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni FBV596 mertu tal-kawza odjerna.

2. Illi sakemm l-intimat John Spiteri jaghmel l-assigurazzjoni tieghu fuq il-vettura li ha minghand l-esponent, l-esponent kien assikurat minghand l-istess John Spiteri li l-vettura mertu ta' din il-kawza kienet assigurata u ghalhekk setghet tintuza u tinstaq fit-triq.

3. Illi fil-frattemp, l-intimat Duncan Fenech kien mar ghand l-esponent bhala mechanic sabiex jirrangalu din il-vettura u talab lill-esponent karozza sabiex ikollu biex jinqeda.

4. Illi stante l-fatt li l-esponent kien assikurat mill-intimat John Spiteri li l-vettura mertu tal-kawza odjerna kienet assigurata u ghaldaqstant ma kiuen hemm ebda forma ta' problema sabiex l-intimat Duncan Fenech ikun jista jsuq din il-vettura, l-esponent kien ta l-vettura mertu ta' din il-kawza lill-intimat Duncan Fenech.

5. Illi hekk kif kien qieghed isuq il-vettura nkwistjoni, l-intimat Duncan Fenech habat b'din il-vettura.

6. Illi in konsegwenza ta' tali incident, l-esponent gie nfurmat minghand l-intimat Duncan Fenech b'dan kollox u sussegwentement gie nfurmat ukoll mill-istess Duncan Fenech li hu personalment kien ser jaghmel tajjeb ghall-hsrat kollha involuti.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma kien qatt notifikat bl-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 2011.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jichad l-pretenzjonijiet kollha mressqa kontrih u sussegwentement jisthoq li m'ghandux ikun kjamat fil-kawza odjerna".

Ra l-verbal tal-24 ta' Mejju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' elfejn tmien mija hamsa u sittin euro u tmienja u tletin centezmi ta' euro [€2,865.38c] rapprezentanti danni, imghax, spejjes u VAT sborsati a favur Atlas Insurance PCC Limited u Michael Sammut fl-arbitragg fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited et vs Duncan Fenech

(M2963/2011) deciza fis-26 ta' April, 2013. L-intimati u l-kjamat fil-kawza oggezzjonaw ghal din it-talba.

Ikkunsidra;

2. Minn qari tad-decizjoni moghtija mill-arbitru fis-26 ta' April, 2013 (fol. 47) jirrizulta s-segwenti:

   i. Fis-16 ta' April, 2011 f'Labour Avenue, kantuniera ma' Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, fin-Naxxar sehh incident stradali bejn il-vettura tat-tip MITSUBISHI Pajero bin-numru FBV-596 proprjeta ta' John Spiteri u misjuqa minn Duncan Fenech u l-vettura tat-tip FIAT Punto bin-numru XER-079 proprjeta ta' Michael Sammut;

   ii. Il-kollizzjoni sehhet b'tort unikament ta' Duncan Fenech minhabba negligenza fis-sewqan da parti tieghu, meta dan ma ndunax li l-vettura ta' quddiemu kienet waqfet u konsegwentement gie dikjarat responsabbli ghad-danni kollha sofferti.

   iii. Duncan Fenech gie kkundannat ihallas l-ammont ta' €1,988.16c flimkien ma l-imghax legali mis-7 ta' Lulju, 2011;

   iv. Duncan Fenech gie kkundannat ukoll ihallas l-ispejjez ta' l-arbitragg, l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Lulju, 2011 u s-socjeta rikorrenti odjerna giet ikkundannata thallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment mal-arbitragg.

3. Skont it-taxxa ta' l-ispejjez esebita a fol. 53 tal-process, l-ispejjez fl-arbitragg hawn fuq imsemmi ammontaw ghal-hames mija wiehed u erbghin euro u hmistax-il centezmu (€541.15c) eskluz il-VAT.

4. **Stephen Cachia**, rapprezentant ta' Transport Malta qal li bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-31 ta' Dicembru, 2011 il-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni FBV-596 kienet registrata fuq John Spiteri. Fil-21 ta' Gunju, 2011, din il-vettura giet trasferita lill-terzi. Ghalhekk, fid-data tas-16 ta' April, 2011, meta sehh l-incident, din il-vettura kienet registrata fuq John Spiteri.

5. Skont ma jirrizulta mir-riferti (fol. 56, 58 u 60) ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Dicembru, 2011 (fol. 54) maghmula mis-socjeta rikorrenti odjerna, John Spiteri kien gie notifikat biha fis-7 ta' Jannar, 2012 filwaqt li Duncan Fenech baqa qatt ma gie notifikat.

6. Skont ma jirrizulta mir-riferti (fol. 62) ta' l-ittra ufficjali maghmula a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 21 ta' Awwissu, 2014 (fol. 61) maghmula mis-socjeta rikorrenti odjerna, John Spiteri kien gie notifikat biha fit-28 ta' Awwissu, 2014 filwaqt li Duncan Fenech baqa qatt ma gie notifikat. Fit-3 ta' Settembru, 2014 John Spiteri ressaq nota li permezz taghha oppona t-talba maghmula (fol. 64).

7. **George Stagno Navarra**, *court representative* tas-socjeta rikorrenti qal li l-vettura tat-tip Mitsubishi Pajero bil-pjanca tar-registrazzjoni FBV-596 kienet issejjah lil John Spiteri u li din il-vettura kienet assikurata mas-socjeta rikorrenti. Din il-vettura, kompla jghid ix-xhud kienet involuta f'incident u minhabba dan l-incident, kienet infethet *claim*. Ix-xhud esebixxa dikjarazzjoni datata 12 ta' Mejju, 2011 li giet mmarkata bhala GSN 1 (fol. 70) fejn John Spiteri iddikjara li huwa kien biegh din il-vettura fil-25 ta' Marzu, 2011 lil Gordon minn Hal-Qormi. L-istess John Spiteri kien iddikjara li "*the new owner had agreed to affect a Transfer of Interest with the local Competent Authorities*" (fol. 70). L-intimat John Spiteri ikkonferma l-firma tieghu fuq dan id-dokument u zied ighid li "*jiena l-insurance kont ghadni ma waqqaftiex meta ffirmajt pero kif diga ghidt il-karozza kont partatha*" (fol. 78). In kontro-ezami qal li huwa meta kien partat l-imsemmija vettura mal-kjamat fil-kawza Gordon Camilleri, huwa kien infurmah "*li l-karozza kellha polza tal-assikurazzjoni valida*" (fol. 79).

   L-imsemmi George Stagno Navarra qal ukoll li peress li ma kienx gie osservat il-kuntratt ta' l-assikurazzjoni, s-socjeta rikorrenti ma kienitx ser taghmel tajjeb ghal dan l-incident u ghalhekk kienet istitwiet dawn il-proceduri. Ghalaq billi qal li l-ammont li s-socjeta rikorrenti kienet giet kostretta thallas kien ta' elfejn tmien mija tmienja u tmenin euro u tmienja u disghin centezmi ta' euro (€2,888.98c) (fol. 68).

8. **L-intimat Duncan Fenech** qal li huwa kien ha l-vettura tieghu ghat-tiswija ghand il-kjamat fil-kawza Gordon Camilleri. Kompla jghid li meta ha l-

vettura tieghu ghand il-*mechanic*, huwa kien tah vettura tal-marka Mitsubishi Pajero "*u qalli biex nuzaha sakkemm jirrangali l-karozza tieghi*" (fol. 81). Fis-16 ta' April, 2011 waqt li kien gewwa n-Naxxar huwa skiddja b'din il-vettura u "*kelli accident zghir ma' karozza ohra*" (fol. 81). Qal li huwa kien mar ghand l-*insurance* biex jaghmel il-*claim* izda huwa gie nfurmat li l-*claim* kellha ssir minn sid il-vettura. Sussegwentement huwa kien cempel lill-kjamat fil-kawza u dan da parti tieghu qallu biex ihalli f'idejh. Mistoqsi jekk kienx jaf bil-proceduri li kienu ittiehdu mis-socjeta Atlas, l-intimat wiegeb fin-negattiv. Qal ukoll li l-intimat John Spiteri ma kienx jaf min kien u mistoqsi mit-Tribunal x'kien id-diskors li kien sar bejnu u bejn il-kjamat fil-kawza ghar-rigward tal-vettura Mistubishi Pajero qal li dan kien qallu "*uza l-vettura tieghi. Jiena rajt li kien hemm il-licenzja fuq il-windscreen u ma qatx noqghod nistaqsi izjed*" (fol. 82). Huwa cahad li lill-kjamat fil-kawza kien qallu li kien ser jaghmel tajjeb ghal hsarat li kienet garbet il-vettura mertu ta' l-incident. Kompla jghid pero li kien lest li jhallas il-*claim*pero mhux ghad-danni.

Ikkunsidra ulterjorment;

9. Illi ghandu jirrizulta li l-intimat John Spiteri kien biegh l-vettura tieghu tat-tip MITSUBISHI Pajero bil-pjanca ta' registrazzjoni FBV-596 lill-kjamat fil-kawza Gordon Camilleri fil-25 ta' Marzu, 2011. Madwar tlett gimghat wara, sehh incident f' Labour Avenue n-Naxxar bejn din l-imsemmija vettura li kienet misjuqa mill-intimat Duncan Fenech u l-vettura tat-tip FIAT Punto bil-pjanca ta' registrazzjoni XER-079. Il-Pajero kienet inghatat lill-intimat Fenech mill-kjamat fil-kawza Gordon Camilleri, meta dan ta' l-ewwel ha l-vettura tieghu ghal xi xogholijiet fuqha ghand dan ta' l-ahhar. Fis-16 ta' April, 2011 sehh l-incident. L-intimat Duncan Fenech diga kien gie kkundannat, bid-decizjoni ta' l-arbitru datata 26 ta' April, 2013 sabiex ihallas l-ammont ta' €1,988.16 flimkien ma l-imghaxijiet legali mis-7 ta' Lulju, 2011 u l-ispejjez li kienu jammontaw ghal €541.15c eskluz minn dan l-ahhar ammont il-VAT fuq id-drittijiet ta' l-Avukat. Irrizulta ukoll li s-socjeta rikorrenti kellha thallas l-ammonti hawn imsemmija u dan skont ma jrid il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Da parti taghha, s-socjeta rikorrenti agixxiet sabiex hija tigbor dan l-ammont ta' flus li hija harget in konessjoni ma dan l-incident u dan peress li skont hi, l-polza ta' l-assikurazzjoni mahruga fuq John Spiteri ma baqghetx aktar

valida minhabba li l-kundizzjonijiet imposti ghal hrug taghha ma kienux gew osservati. F'dan ir-rigward, r-rapprezentant taghha, George Stagno Navarra ghamel referenza ghall-klawsola intitolata *Contract of Sale* fejn jinghad li "*We shall not be liable to pay any claim in respect of the Motor Vehicle in relation to which You have entered into any contract of sale or purported contract of sale whether this transaction constitutes a valid contract or not or would have constituted a valid contract but for the failure to comply with the provisions of the Duty on Documents Act 1993*" (dok. GSN 2 a fol. 71). Skont ma ddikjara fid-dokument esebit bhala dok. GSN 1 (a fol. 70), l-intimat John Spiteri kien biegh il-vettura Mitsubishi Pajero lil Gordon Camilleri fil-25 ta' Marzu, 2011 u li "*the new owner agreed to affect a Transfer of Interest with the local Competent Authorities*" (fol. 70). Dan it-*transfer,* skont ma jirrizulta mix-xhieda ta' Stephen Cachia, rapprezentant ta' Transport Malta, sad-data ta' l-incident, kien baqa ma sarx. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti ghandha ragun biex tipprocedi b'din il-kawza.

11. Illi f'dawn il-proceduri ghalhekk ma hemmx kwistjoni ta' responsabbilita ghal dan l-imsemmi incident l-ghaliex dan il-punt diga kien gie deciz bid-decizjoni hawn fuq imsemmija. L-intimat Duncan Fenech pero qieghed jghid li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u dan peress li fil-fehma tieghu kien Gordon Camilleri li kellhu jwiegeb ghal imsemmija hsarat.

12. It-Tribunal ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni ta' l-intimat Duncan Fenech. L-incident sehh waqt li l-vettura kienet fil-pussess tieghu u ghalhekk huwa ghandu jirrispondi ghal istess kif ser jinghad hawn taht. L-istess haga ghandu jaghmel il-kjamat fil-kawza l-ghaliex hu ma messu qatt ta din il-vettura lill-intimat Duncan Fenech meta kien jaf li din il-vettura ma kienitx ghadha giet registrata fuq ismu. Ghalhekk, filwaqt li l-intimat Duncan Fenech ghandu jaghmel tajjeb ghal ispejjez tal-*excess* li kellhu jithallas biex tkun tista ssir il-*claim,* il-kjamat fil-kawza ghandu jaghmel tajjeb ghar-rimanenti bilanc mill-ammont mitlub f'dawn il-proceduri. L-intimat John Spiteri jirrizulta li ghamel dak li kien mistenni minnu u ma ghandux ghalfejn iwiegeb ghal din it-Talba. Ghalhekk it-Tribunal ser jilqa l-eccezzjonijiet minnu mressqa.

13. Ma hemmx prova ta' kemm kien il-hlas ta' l-excess sabiex tkun tista ssir il-*claim* u ghalhekk it-Tribunal qieghed jillikwida arbitrio boni veri dan l-ammont fl-ammont ta' mitt euro (€100). Id-differenza bejn dan l-ammont u

l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ €2,865.38c u cioe l-ammont ta’ elfejn seba’ mija u hamsa u sittin euro u tmienja u tletin centezmi ta’ euro [€2,765.38c] ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-kjamat fil-kawza.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jilqa l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimat John Spiteri u konsegwentement jichad it-Talba fil-konfront tieghu;

2. Jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Duncan Fenech u jiddikjara li huwa ghandu jkun fil-gudizzju;

3. Jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta’ l-istess intimat Duncan Fenech kull fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz.

4. Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kjamat fil-kawza Gordon Camilleri.

   <u>Konsegwentement</u>

5. Jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk:

6. Jikkundanna lill-intimat Duncan Fenech ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta’ mitt euro (€100) bl-imghaxijiet legali jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta’ din it-Talba u cioe mit-23 ta’ Lulju, 2015 sad-data tal-hlas effettiv;

7. Jikkundanna lill-kjamat fil-kawza Gordon Camilleri ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta’ elfejn seba’ mija u hamsa u sittin euro u tmienja u tletin centezmi ta’ euro [€2,765.38c] bl-imghaxijiet legali jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta’ din it-Talba u cioe mit-23 ta’ Lulju, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, u dawk ta’ l-ittri ufficjali msemmija fit-Talba, huma a kariku tal-kjamat fil-kawza salv ghal dawk ta’ l-intimat John Spiteri li ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta rikorrenti.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**